*Revoka Mandat Ezekuttiv*

*Art 281(1) tal-Kap 12*

*Persuna Interessata*

*Les Specialis derogat Generalis*

*L-Att Dwar il-Kummerc Bankarju - (Kap 371)*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019

**Kawza Numru : 44**
**Rikors Guramentat Numru : 527/2019/LSO**

**L-Avukat Norval Desira ID 430764M) bhala mandatarju specjali tal-kumpanija assenti International Properties and Investments Limited**

**vs**

**L-Avukat Dr Roberto Montalto bhala mandatarju specjali tal-kumpanija assenti Oil & Ship Consultancy Ltd**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-"Awtorita`") *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 27 ta' Mejju 2019 esponiet :

1. Fil-15 ta' April 2019, l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi. Fost is-sekwestratarji, huwa imnizel Satabank plc ("**Satabank**").

2. Fil-15 ta' Ottubru 2018, l-Awtorita` hatret lill-awdituri (EY) Ernst & Young bhala persuna kompetenti sabiex taghti pariri lil Satabank dwar it-tmexxija xierqa tal-kumerc taghha *ai termini* tal-artikolu 29(1)(b) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta) (l-"**Att**") *(Kopja tal-avviz dwar id-decizjoni tal-Awtorita` datat 15 ta' Ottubru 2018 hawn annessa u mmarkata 'Dok.1').*

3. Fl-20 ta' Ottubru 2018, l-Awtorita` harget direttiva u decizjoni permezz ta' liema, *ai termini* tal-artikoli 4B u 9 tal-Att, irrestringiet il-licenzja mahruga lil Satabank u nnominat

lill-awdituri (EY) Ernst & Young bhala persuna kompetenti *ai termini* ta' l-artikoli 29(1)(c) u (d) tal-Att, sabiex tiehu f'idejha l-attiv ta' Satabank bl-ghan li jigu mharsa l-interessi tad-depozitanti u tiehu f'idejha l-kontroll tal-kumment ta' Satabank. *(Kopja tal-avviz dwar id-decizjoni u direttivi mahruga mill-Awtorita` datat 20 ta' Ottubru 2018 hawn annessa u mmarkata 'Dok.2')* .

4. L-artikolu 29(5) tal-Att huwa car meta jipprovdi illi:

Id-dispoizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandu jkollhom effett minkejja kull dispozizzjoni ohra ta' kull ligi, u minkejja dak kollu li jinsab f'kull att, kuntratt, kitba jew dokument iehor ikun liema jkun. *(Emfazi mizjuda.)*

5. Jigifieri mhux biss I-Att huwa *lex specialis,* id-dispozizzjonijiet ta' liema jidderogaw mill-Kap.12 (bhala *lex generalis*), izda I-Att innifsu specifikatament jipprovdi ghal dan fir-rigward tal-artikolu 29 tal-Att, *ai termini* ta' liema I-Awtorita' nnominat lill-awdituri (EY) Ernst & Young bhala persuna kompetenti, sabiex tiehu f'idejha I-attiv ta' Satabank bl-ghan li jigu mharsa I-interessi tad-depozitanti u tiehu f'idejha wkoll il-kontroll tal-kummerc ta' Satabank.

6. Dan sar wara li I-Awtorita`, f'diversi skambji ma' Satabank, uriet it-thassib taghha dwar il-gestjoni ta' Satabank u wara li Satabank kompla jonqos milli jiehu I-mizuri necessarji rrakkomandati mill-istess Awtorita`. L-Awtorita` kellha d-dmir li tagixxi skont kif titlob minnha I-ligi u dan dejjem bil-hsieb li jigu ssalvagwardjati kemm id-

depozitanti, il-pubbliku in generali, kif ukoll ir-reputazzjoni ta' Malta.

7. Fl-24 ta' Ottubru 2018, l-Awtorita' dderigiet lil (EY) Ernst & Young, bhala l-persuna kompetenti nominata skont il-ligi, sabiex tibda tirrilaxxa d-depoziti originarjament mizmuma minn Satabank wara li taccerta ruhha illi jigu rispettati l-obbligi ta' Satabank skont l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizimu (L.S. 373.01 tal-Ligijiet ta' Malta). *(Kopja tal-avviz dwar id-direttivi mahruga mill-Awtorita` datat 24 ta' Ottubru 2018 hawn annessa u mmarkata 'Dok.3'. Kien hemm ukoll avvizi li nhargu: fit-22 ta' Novembru 2018, 23 ta' Novembru 2018, 6 ta' Dicembru 2018 u 23 ta' Jannar 2019, hawn annessi u rispettivament immarkati 'Dok.4', 'Dok.5', 'Dok.6' u 'Dok.7'.)*

8. Il-process imsemmi japplika (u ghandu jkompli japplika) ghad-depoziti kollha, inkluzi d-depoziti maghmula ma' Satabank mis-socjeta' Oil & Ship Consultancy Ltd.

9 Li dan il-process isir u jithalla jsir huwa krucjalli - l-intendiment huwa li l-persuna kompetenti taccerta ruhha illi jigu rispettati l-obbligi tal-bank *inter alia* fir-rigward tal-ligijiet dwar *money laundering* qabel kwalunkwe depozitant jiehu d-depozitu tieghu lura.

10. Ghalhekk jezisti impediment legali sabiex id-depozitu ta' Oil & Ship Consultancy Ltd ma' Satabank ma jigix rilaxxat qabel il-process imsemmi fil-paragrafi precedenti

jiehu l-kors tieghu. Ghaldaqstant, Oil & Ship Consultancy Ltd mhijiex permanentament imcahhda mill-bilanc li ghandha fil-kont bankarju taghha ma' Satabank.

11. Jekk dan il-mandat jithalla fis-sehh fil-konfront ta' Satabank, ser (ikompli) ikun hemm kunflitt bejn: (i) id-direttivi mahruga mill-Awtorita' *ai termini* tal-Att; u (ii) l-ordni tal-Onorabbli Qorti meta ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru anke fil-konfront ta' Satabank.

12. L-artikolu 281(1) tal-Kap.12 joffri soluzzjoni - t-thassir tal-mandat fir-rigward ta' Satabank biss ghal raguni valida skont il-ligi. L-Awtorita' tissottometti umilment illi d-direttivi msemmija f'dan ir-rikors li ghadhom vigenti u li nhargu qabel il-mandat odjern jikkostitwixxu raguni valida, *ai termini* tal-imsemmi artikolu, abbazi ta' liema ghandu jintlaqa' dan ir-rikors.

13. L-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) gja kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha fir-rigward ta' materja simili (fejn ukoll inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront ta' *inter alia* Satabank bhala sekwestratarju). Il-Qorti ikkunsidrat:

*"lx-xenarju u materja li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa ghal kollox straordinarju f'xibka ta' ligijiet specjali li certament ma kienux f'mohh dawk li pronunzjaw dawk is-Sentenzi. Irid jinghad ukoll li fir-rigward tas-sentenzi ta' dawn il-Qrati dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta lanqas ma jista' jinghad li l-*

*kontestazzjoni tal-Bank rikorrent hija 'stricto iure' marbuta mal-mertu tal-mandat. Il-kontestazzjoni hija wahda formali li tirrigwarda biss mhux il-mertu tal-mandat fih innifsu imma l-applikazzjoni ta' varji ligijiet li huma kontrapposti ghal xulxin. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu." (GLD Services Limited (C 69228) vs Atomos Limited (C 81785), detiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 2019. Din is-sentenza giet appellata minn GLD Services Ltd u ser tinstema' mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Gunju 2019.)*

14. Fl-istess sentenza, l-Onorabbli Qorti wkoll ikkwotat minn sentenza ohra fejn gie rrikonoxxut:

*"In-natura specjali ta' dawn il-ligijiet giet ukoll rikonoxxuta fis-Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Zammit Mckeon fl-ismijiet All Invest Limited -vs- X et tat-30 ta' Marzu 2017 fejn intqal hekk:-*

*"Dawn ir-regolamenti li gew mahruga mill-MFSA ghandhom is-sahha ta' ligi, u ghalhekk huma specjali ghaliex jirregolaw il-procedura li ghandha tigi segwita fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji. Kumpanija li qed tipprovdi servizzi finanzjarji ghandha obbligi u kondizzjonijiet sabiex topera u li maghhom ghandha tottempera ruhha. Din il-Qorti m' ghandhiex l-icken sembjanza ta' dubju li dawn m'humiex obbligi li hija soggetta ghalihom fil-ligi ordinarja kwasiasi socjeta` kummercjali."*

Din Qorti hi ghalhekk ukoll tal-fehma, li dawn il-ligijiet huma ukoll ta' ordni pubbliku ghaliex joffru protezzjoni lis-Socjeta` in generali, fejn ghandek istituzzjonijiet finanzjarji, bhal ma huma l-Banek, repositarji ta' numru kbir ta' depozitanti u li minnhom jghaddu flejjes li jistghu jaghtu lok ghall-investigazzjoni minhabba sorsi ta' natura suspettuza fid-dawl mhux biss tal-obbligi li ghandu l-lstat Malti lejn il-kollettivita` izda anke dawk l-obbligi li ghandu fil-kamp internazzjonali lejn stati ohrajn. *(pagna 14 tas-sentenza).*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-Awtorita' titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti thassar il-mandat ta' sekwestru odjern fil-konfront ta' Satabank plc u dan ai terminu tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2019.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr Norval Desira bhala mandatarju specjali tas-socjeta` sekwestranti International Properties and Investments Limited ghar-rikors tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta (“l-Awtorita` rikorrenti”) tas-27 ta’ Mejju 2019, datata 14 ta’ Gunju 2019 a fol 18 *et sequitur* tal-process.

Rat ir-risposta ta’ Satabank plc (C 66993) (“il-Bank”) datata 14 ta’ Gunju 2019 a fol 25 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Francesca Galea Cavalazzi ghall-MFSA u Dr Lorraine Conti ghal Satabank plc. Dehret Dr Sefora Agius ghas-socjeta` sekwestranti. Deher Dr Roberto Montalto ghad-debitur sekwestrat. Dr Lorraine Conti ghal Satabank plc iddikjarat li pprezentat rikors identiku li izda ghadu mhux notifikat, u ghadu pendenti quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta. L-Awtorita` rikorrenti ghandha tipprezenta nota b'referenza ghad-dispozizzjonijiet applikabbli li jaghtu forza ta' ligi ghad-direttivi tal-MFSA f'sitwazzjonijiet bhal dawk mertu ta' dan ir-rikors, u dan fi zmien jumejn bil-visto tad-difensuri tal-kontro-parti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri prezenti fl-Awla. Dr Galea Cavalazzi prezentat kopja ta' sentenza Cit Nur: 154/19/TA. Ir-rikors gie differit ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m. ghal digriet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni għal thassir ta' Mandat eżekuttiv maghmula fuq talba tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-"Awtorita`") *ai termini* tal-**artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-Awtorita' adixxiet lil din il-Qorti fil-*veste* taghha bhala l-Awtorita' responsabbli wara li inhargu direttivi kontra Satabank fit-termini tal-Att Dwar il-Kummerc Bankarji (Kap 371 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz ta' dawn id-direttivi gew mahtura awdituri mid-ditta Ernst & Young (EY) bhala *competent person* skont kif imfisser f'dak

l-Att. Sussegwentement EY bdiet process ghar-rilaxx tad-depoziti f'idejn id-depozitanti wara li taccerta li jigu rispettati l-Ligijiet vigenti dwar il-*Money Laundering.*

L-argument ewlieni tar-rikorrenti huwa li d-disposizzjonijiet tal-Kap 371 jikkostitwixxu *lex specialis,* u li allura japplika l-principju *lex specialis derogat generalis* fil-konfront tad-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura u tal-Organizzazzjoni Civili dwar il-Mandati Ezekuttivi. Inoltre, hija kwistjoni ta' ordni pubblika li jigu mharsa r-regolamenti dwar il-*Money Laundering,* billi hawnhekk *si tratta* mhux semplicement tal-interessi tal-persuni privati involuti fil-mandat in kwistjoni, imma b'mod aktar generali, l-interessi tas-socjeta' in generali u tar-reputazzjoni finanzjarja ta' Malta.

Dan premess l-Awtorita' tissottmetti li d-direttivi msemmija f'dan ir-rikors li ghadhom vigenti u li nhargu qabel il-mandat odjern jikkostitwixxu raguni valida, *ai termini* tal-imsemmi artikolu, abbazi ta' liema ghandu jintlaqa' dan ir-rikors.

Illi Satabank plc wiegeb li l-mertu tat-talba odjerna hija identika ghall-mertu ta' rikors intavolat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-istess ismijiet premessi ghar-revoka tal-mandat in mertu, u fejn iddeduca l-istess ragunijiet (Rik 454/19 MH).

Illi kemm is-socjeta' ezekutanti kif dik ezekutata opponew ghat-talba u eccipew principalment fir-risposti kif ukoll fit-trattazzjoni orali: 1) li l-Awtorita' m'ghandhiex *locus standi*

u interess guridiku *ai fini* tal-Artikolu 281 tal-Kap 12; 2) li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-partijiet fil-Mandat semmai huwa s-Satabank, bhala sekwestratarju li ghandha tali relazzjoni; 3) li huwa l-persuna kompetenti mahtura mill-MFSA li ghandha r-rapprezentanza guridika u l-amministrazzjoni ta' Satabank; 4) li d-direttivi tal-Awtorita' m'ghandhomx is-sahha tal-Ligi; 5) li proceduri ta' *anti money laundering* m'ghandhomx iwaqqfu l-proceduri tal-ezekuzzjoni tal-mandat u li 6) il-principu *lex specialis derogat generalis* mhuwiex applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz.

B'zieda ma' dawn is-socjeta' ezekutata eccepiet li l-principju *lex specialis derogat generalis* m'ghandux japplika ghall-kaz odjern billi hawnhekk ma hemmx zewg ligijiet, imma ligi (Kap 12) u l-ordnijiet tal-Awtorita' li m'ghandhomx is-sahha tal-Ligi. Inoltre ccita mill-Kodici Kriminali fejn ordni ta' iffrizar ma jwaqqafx lill-Qorti li tirrilaxxja depoziti hekk iffrizati favur *bona fide creditor.*

**Fatti Marbutin mal-Kaz**

Illi l-fatti kif premessi fir-rikors promotur mhumiex ikkontestati u l-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, qed taghmel riferenza ghalihom. Huwa pacifiku li fost id-depozitanti tas-Satabank hemm is-socjeta' ezekutata.

Inoltre meta gew originarjament imposti d-direttivi tal-Awtorita' kif premessi fir-rikors, u l-passi regolatorji kollha dawn kienu jirrikjedu l-waqfien assolut ta' depożiti minn

klijenti tagħhom u restrizzjoni fuq ġbid ta' flus. Dawn id-direttivi gew sussegwentement aggornati u l-Bank esponenti thalla jibda r-rilaxx ta' fondi, pero` dejjem soggett illi kontrolli u verifiki ta' "due diligence" ghal prevenzjoni ta' hasil ta' flus jigu sodisfatti.

**Dritt**

Illi l-kaz odjern ghandu fattispecie partikolari. Min-naha wahda, l-obbligi ta' sekwestratarji huma imfissra fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili (Kap 12) senjatament **fl-artikoli 376(2)(d)** u **378** skont liema sekwestratarju huwa obbligat li jaghmel id-depozitu kif ordnat fil-mandat *entro* terminu stabbilit. Altrimenti jigi espost ghad-danni u imghaxijiet favur il-kreditur. Min-naha l-ohra dan kollu jikkunfliggi mad-direttivi mahruga mill-Awtorita' *ai termini* tal-Att (Kap 371) li jimponu fuq EY obbligu car li ma jirrilaxxjawx depoziti qabel ma jsir ezercizju ta' *due diligence* ritenut mehtieg mill-Awtorita' fit-twettiq tar-responsabbilitajiet regolaturi taghha skont dak l-Att.

**Artikou 281 tal-Kap 12**

Dan l-artiklu jiddisponi hekk:-

*"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien*

*mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju.[1]

Ghalhekk mhuwiex permess li ssir indagni fuq il-mertu li wassal ghall-hrug tal-mandat ezekuttiv. Anzi ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[2].

Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma

---

[1] Dan gie enunjcat ripetutament u awtorevolment mill-Qrati taghna fil-kazijiet: Prim' Awla - A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496) (Rik Nru: 28/2015/J ZM) Dec 12/02/2015; Prim Awla - Victor Fenech vs Anthony Fountain et (Rik Nru: 1818/11/MB) Dec 20/06/2012; Prim Awla - Car Care Products Lmited vs John Bugeja et (Rik Nru: 1248/2009/GC) Dec 12/02/2010; Rik. Nru. 154/19TA Prim Awla - lan Bartoli noe vs A Gatt trading Ltd (C-2384) et (Rik Nru: 1044/2010/AE) Dec 02/08/2011; Appell Inferjuri - Awtorita' Marittima ta' Malta kontra Polidano Brothers Limited (Rik Nru: 91/2007/1/Philip Sciberras) Dec 09/01/2008; Prim Awla - Edward Pavia vs Michael Sultana et (Rik Nru: 287/2005/PA/JRM) Dec 05/05/2005; Appell Civili - Briffa vs Stones Proterties Limited noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) Dec 01/12/2000

[2] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet Briffa vs Stones Properties Ltd. noe (Kollez. Vol:LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet K.T.I. vs Serge (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414)

jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skont il-liġi". Ma nsibu l-ebda tifsira ta' "*raguni valida skont il-ligi*" fid-disposizzjoni imsemmija. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[3], bħal meta jinħareġ kontra persuna ħażina jew persuna b'oħra. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, **fl-artikolu 836**, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi din il-linja twassal lill-Qrati taghna biex jirritjenu li l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

---

[3] A. AJM 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Spiteri vs Anthony Perry et (degriet interlokutorju)

**Effettivament dan huwa l-punt krucjali pendenti quddiem din il-Qorti billi l-Awtorita' rikorrenti qed tistieden lill-Qorti li tmur 'il hinn minn dawn il-parametri ben stabbiliti u dan abbazi ta' zewg konsiderazzjonijiet:**

1. Ragunijiet ta' ordni pubbliku
2. L-Applikazzjoni tal-principju *lex specialis (*b'referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kap 317) *derogat lex generalis* (b'referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kap 12).

**Interess tal-Awtorita'**

Illi l-intimati issollevaw in-nuqqas ta' interess tal-Awtorita' rikorrenti f'dawn il-proceduri, intavolati fit-termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12. Marbut ma' dan hemm eccezzjoni ohra, li ssemmiet fit-trattazzjoni orali, li l-Awtorita' m'ghandhiex interess guridiku li taghmel dawn it-talbiet u semmai, huwa s-Satabank, kif rapprezentat mill-persuna kompetenti mahtura li setghet tadixxi lil din il-Qorti.

Kif gja premess, l-Artikolu 281 ma jillimitax din l-azzjoni ghall-partijiet involuti fil-Mandat, imma jippermetti "*kull persuna ohra interessata"* biex tirrikorri lejn il-Qorti b'dan ir-rimedju.

Ikkonsidrat li l-interess guridiku tal-Awtorita' giet rikonoxxuta f'proceduri li huma kwazi identici ghal din odjerna, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kaz **GLD Services Limited (C 69228) vs Atomos Limited (C 81785).** Din il-Qorti ser taghmel referenza ghad-decizjoni

taghha kif diversament presjeduta hawn taht. Izda ghall-fini ta' l-eccezzjoni sollevata, bizzejjed tirreferi ghad-digriet tal-Qorti tal-Appell moghti fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019 fejn laqghet it-talba tal-Awtorita' *ai termini* tal-**artikolu 960 tal-Kap 12** biex tintervjeni fl-atti tar-Rikors u tal-Appell imsemmi.

Ikkonsidrat, inoltre, li l-Awtorita' rikorrenti hija kostitwita b`ligi tal-pajjiz u fit-termini tal-**artikolu 4(1) tal-Kap 371** ghandha dmirijiet u funzjonijiet imposti mil-legislatur.

Difatti is-subartikolu imsemmi jiddisponi:

"4(1) *Għandu jkun id-dmir tal-awtorità kompetenti li tesegwixxi l-funzjonijiet u d-dmirijiet ordnati b'dan l-Att, kull regolament magħmul jew Regoli Bankarji maħruġin taħtu u l-CRR , u li tassikura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'Malta josservaw dan l-Att, kull regolament magħmul, direttiva u Regola Bankarja maħruġin taħtu, il-CRR*[4] *u l-kondizzjonijiet tal-liċenzi tagħhom. .....*"

Fost dawn id-dmirijiet hemm dik ta' sorveljanza tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpanniji finanzjarji sabiex jigu zgurati li r-Regolamenti imsemmija tal-Unjoni Ewropea jigu osservati u imwettqa (Art. 4(5)).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru. 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 fuq ħtiġiet prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li jemendaw ir-Regolament (UE) Nru,648/2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u li jinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet maħruġa, jew li tista' tinħareġ taħtu

Sabiex tilhaq mal-ghanijiet tal-Ligi u tar-responsabbilitajiet taghha, l-Awtorita' ghandha s-sahha li taghmel, temenda jew tirrevoka Regoli Bankarji u Regoli tal-Kondotta tal-Operat u sabiex tittrasponi, timplimenta u tagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet u l-ħtiġiet ta' Direttivi, Regolamenti u kull ħaġa oħra leġiżlattiv tal-Unjoni Ewropea jekk ikun mehtieg, kif ukoll tal-linji gwida mahrugin mill-Awtorita' Bankarja Ewropea (EBA) u ta' diversi regolamenti u direttivi tal-Unjoni Ewropea li Malta hija marbuta bihom.(Art.4(6)(7)(8) u (9)).

Fit-termini tal-**Artikolu 29(1) tal-Kap 371:**

*"29.(1) Jekk, kemm minn xi rapport magħmul taħt l-artikolu 20 jew l-artikolu 22 jew xort'oħra, ikun jidher lill-awtorità kompetenti illi tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-artikolu 9(2), l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, tista' bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9(2) u għal kull setgħa oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra applikabbli –*

*- inter alia-*

*(ċ) tinnomina persuna kompetenti biex tieħu f'idejha l-attiv tal-istituzzjoni ta' kreditu jew xi parti minnha sabiex jiġu mħarsa l-interessi tad-depożitanti;...."*

Bis-sahha **tal-Artikolu 29(5)** imbaghad, dawn id-disposizzjonijiet ghandhom ikollhom effett *"minkejja kull*

*dispożizzjoni oħra ta' kull liġi, u minkejja dak kollu li jinsab f'kull att, kuntratt, kitba jew dokument ieħor ikun liema jkun."*

Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-Awtorita' ghandha titqies bhala persuna interessata ghall-fini tal-Kap 281. Dan jemergi bl-iktar mod kristallin mid-disposizzjonijiet fuq premessi fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn il-hrug tal-mandat ezekuttiv ser ikollu tabilfors riperkussjonijiet fuq it-twettiq tad-direttivi u tal-ordnijiet mahruga mill-Awtorita', bhala Awtorita' regolatrici imwaqqfa bil-Ligi, fil-qadi tad-dmirijiet taghha.

***Lex Specialis***

Illi marbut ma dawn il-konsiderazzjonijiet hemm il-kwistjoni dwar l-konfliggenza, allura, bejn id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li jimponu obbligu fuq is-sekwestratarju, f'dan il-kaz Satabank, biex jiddepozita, u dawk tal-Kap 371 li jaghtu lill-Awtorita' is-sahha legali li torbot ir-rilaxx tad-depoziti b'kondizzjonijiet tassattivi maghmula ghat-tharis tal-obbligi nazzjonali u internazzjonali vigenti fil-qafas tal-legislazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Fil-fattispecie partikolari tal-kaz odjern, l-Awtorita' kellha tintervjeni sabiex thares u tissorvelja kontra l-periklu ta' hasil ta' flus - materja li hija kjarament ta' ordni pubbliku.

Hawnhekk il-Qorti tilqa' u taccetta bhala gustifikati l-argumenti tal-Awtorita' rikorrenti li hemm element ta' ordni pubbliku li ghandu jiggwida lil din il-Qorti fl-apprezzament

tal-kaz odjern. F'din is-sitwazzjoni, l-interessi stretti tal-privat huma assoggettati ghar-rigorosita' tat-tharis tal-ordni pubbliku.

Aparti din il-konsiderazzjoni, is-sahha regolatrici li ghandha l-Awtorita' b'effett tal-artikoli succitati ma jhallix dubbju li d-direttivi taghha ghandhom ikollhom effett "*minnkejja kull disposizzjoni ohra tal-Ligi."*

Illi in sostenn tat-tezi taghha ir-rikorrenti tirreferi ghall-kaz identiku fuq citat fl-ismijiet **GLD Services Limited v Atomos Limited,** (Prim'Awla tal-Qorti Civili per On. Imh. Anthony Abela - 13 ta' Marzu 2019) fejn il-Qorti laqghet sottomissjonijiet simili mressqa minnha.

Ghalkemm din id-decizjoni qed tistenna esitu finali mill-Qorti tal-Appell, huwa utili li din il-Qorti ticcita siltiet li tqies li huma rilevanti u taghmilhom taghha. F'dik id-decizjoni gie ribadit:

*"Ma hemm ebda dubbju li l-ligijiet in kwistjoni jirregolaw sitwazzjonijiet li ma humiex regolati mil-ligijiet generali u ordinarji tal-pajjiz. Dawn il-ligijiet huma principalment immirati lejn is-settur finanzjarju u bankarju, settur kumpless, mimli riskji finanzjarji, kemm ghall-individwu u b'mod partikolari ghas-Socjeta` in generali, b'effett pervasiv, kemm ekonomikament u anke socjalment. Ma humiex immirati biex iharsu l-indiwidu biss, izda b'mod partikolari lill-kollettivita` fis-sens kommunitarju tal-kelma. Di piu', anke jekk wiehed ihares lejn is-sensiela ta' direttivi*

*u ligijiet tal-Unjoni Ewropea li jissemmew f'dawn iz-zewg ligijiet, bl-obbligi li dawn ir-regolamenti li jgibu maghhom fil-kuntest tat-Trattat ta' Ateni, hija evidenti n-natura specjali ta' dawn il-ligijiet. Pero` dwar dan aktar 'l isfel."*

Il-Qorti kompliet:

*"In-natura specjali ta' dawn il-ligijiet giet ukoll rikonoxxuta fis-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Zammit Mckeon fl-ismijiet **All Invest Limited -vs- X et** tat-30 ta' Marzu 2017 fejn intqal hekk:- 'Dawn ir-regolamenti li gew mahruga mill-MFSA ghandhom is-sahha ta` ligi, u ghalhekk huma specjali ghaliex jirregolaw il-procedura li ghandha tigi segwita Rik. Nru. 154/19TA 15 fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji. Kumpannija li qed tipprovdi servizzi finanzjarji ghandha obbligi u kondizzjonijiet sabiex topera u li maghhom ghandha tottempera ruhha. Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken sembjanza ta` dubju li dawn m`humiex obbligi li hija soggetta ghalihom fil-ligi ordinarja kwalsiasi socjeta` kummercjali."*

*"Din il-Qorti hi ghalhekk ukoll tal-fehma, li dawn il-ligijiet huma ukoll ta' ordni pubbliku ghaliex joffru protezzjoni lis-socjeta` in generali, fejn ghandek istituzzjonijiet finanzjarji, bhal ma huma l-Banek, repozitarji ta' numru kbir ta' depozitanti u li minnhom jghaddu flejjes li jistghu jaghtu lok ghall-investigazzjoni minhabba sorsi ta' natura suspettuza fid-dawl mhux biss tal-obbligi li ghandu l-Istat Malti lejn il-kollettivita` izda anke dawk l-obbligi li ghandu fil-kamp internazzjonali lejn stati ohrajn. Ghalhekk anke f'dan ir-*

*rigward ghandek element qawwi ta' ordni pubbliku. (Ara Sentenza tal-Prim Awla per Imhallef Tonio Mallia tas-7 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet* ***Francis Paris et -vs- Maltacom Plc****.).*

Dik il-Qorti qieset li l-element ta' ordni pubbliku jemergi ukoll mill-fatt, li "*kemm il-Kap 371 u anke Kap 330 tal-ligijiet ta' Malta, huma fost ohrajn imfassla fuq corpus ta' regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Anke l-istess artiklu 4B tal-Kap 371, li abbazi tieghu inhargu s-sanzjonijiet fil-konfront tal-Bank rikorrent huwa fost ohrajn imsejjes fuq wahda minn dawn id-direttivi u cioe` "Regulation (EU) No 575/2013 of the European Parliament and of the Council of 26th June 2013 on prudential requirements for credit institutions and investment firms and amending Regulation (EU) No 648/2012 Text with EEA relevance. Issa l-Istat Malti bhala membru shih tal-Unjoni Ewropea ghandu l-obbligu imnissel mit-trattat ta' Ateni tas-16 ta' April 2003, li jaccerta mhux biss li dawn ir-Regolamenti jkunu implimentati, izda li ma jhalli xejn mil-ligijiet domestici jiffrustraw l-applikazzjoni taghhom. Di fatti artiklu 3 tal-Kap 460 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:- 'Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat."*

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti tqies li t-talba kif maghmula hija misthoqqa. Dan peress li l-process istitwit taht is-sorveljanza u d-direttivi tal-Awtorita'

li permezz tieghu d-depoziti fis-Satabank m'ghandhomx jigu rilaxxjati mill-persuna kompetenti qabel ma jkun hemm l-iskrutinju rekwizit ghall-harsien kontra l-hasil tal-flus ghandhom jiehdu l-precedenza fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura u tal-Organizzazzjoni Civili.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tirrespingi r-ragunijiet migjuba mis-sekwestrat u s-sekwestranti kontra t-talba maghmula, **tilqa**' l-istess talba u konsegwentement thassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 502/19 limitatament fil-konfront ta' Satabank plc u dan *ai terminu* tal-**artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**